MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 145/2003/1

**Saviour Sammut personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Z.S. Company Limited**

**v.**

**Carmel Camilleri**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2005. Permezz ta' citazzjoni prezentata fil-11 ta' Frar 2003, l-attur *proprio et nomine* ippremetta li fis-7 ta' Novembru 2002 ghall-habta tal-11 ta' filghodu il-konvenut, waqt li kien qed jopera *crane* targat PPM280 fi Triq Borg Olivier f'San Giljan immanuvra l-istess *crane* u kkawza incident meta "investa lill-vettura ossia xarabank ta' l-attur bin-numru DBY360 li kien qed jigi misjuq minn Vincent Francica"; illi l-incident sehh unikament tort u htija tal-konvenut Camilleri; illi x-xarabank imsemmi sofra hsarat estensivi, u s-socjeta` Z.S. Company Limited, li kienet topera l-istess xarabank, ma setghetx tkompli toperah u b'hekk sofriet telf ta' dhul u danni konsegwenzjali; illi l-konvenut, ghalkemm interpellat, baqa' ma resaqx ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni; premess dan kollu, l-attur, fil-kwalitajiet fuq imsemmija, talab lill-Prim Awla: (1) tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Novembru 2002 fi Triq Borg Olivier, San Giljan, bejn vettura targata PPM280 u x-xarabank ta' l-attur bin-numru DBY360; (2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur *proprio et nomine* bl-imsemmi incident u b'konsegwenza ta' l-istess incident, inkluz telf ta' qligh; u (3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *proprio et nomine* id-danni hekk likwidati – b'riserva ta' kull azzjoni ohra, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Dicembru 2002, tal-mandat ta' sekwestru, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-pagament effettiv.

**2.** B'nota pprezentata fis-26 ta' Awissu 2003 (fol. 14), il-konvenut eccepixxa preliminarjament li s-socjeta` Z.S. Company Limited kienet inezistenti; eccepixxa wkoll li l-attur kellu jipprova li hu jew is-socjeta` huma proprjetarji tax-xarabank in kwistjoni; li l-incident sehh unikament tort tas-sewwieq tax-xarabank; u li ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**3.** Bis-sentenza aktar 'l fuq imsemmija, cioe` tat-30 ta' Mejju 2005, l-ewwel Qorti, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, iddikjarat lill-istess konvenut responsabbli

ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta’ Novembru 2002 fi Triq Borg Olivier, San Giljan, bejn il-vettura targata PPM280 u x-xarabank ta’ l-attur bin-numru DBY360; illikwidat id-danni sofferti mill-attur *proprio et nomine* bl-imsemmi incident fl-ammont ta’ hdax-il elf, mija w sebgha w ghoxrin lira u sebghin centezmu (Lm11,127.70c); u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur *proprio et nomine* d-danni hekk likwidati – bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**4.** Dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet imsemmija wara li kkunsidrat is-segwenti:
“**Provi u Kontestazzjoni**

“Iz-zewg sewwieqa mhux qed jaqblu dwar x’ikkawza l-incident. Id-*driver* tal-*crane* jghid li x-xarabank ghaddiet minn ma’ gemb il-*crane* u laqtitha, mentri d-*driver* tax-xarabank isostni li meta kien ghaddej ma’ gemb il-*crane* l-kontrapiz taghha daret u qabdet is-saqaf tax-xarabank.

“Fix-xhieda tieghu d-*driver* tax-xarabank jghid li meta wasal fejn il-*pitch* tan-Neptune kien hemm *crane* armat fit-triq taht il-bankina u dan kien qed jaghmel xi xogholijiet taht it-triq. Hu kien kwazi waqaf jistenna li karozzi gejjin minn naha l-ohra jsuqu lura biex ikun jista’ jghaddi. Dak il-hin meta kien ser jibda jsuq biex jghaddi, il-*crane* dar fuq il-karreggjata fejn kien hu u dahal fis-saqaf tax-xarabank u gibdu minn quddiem ghal wara. Meta l-*crane* ghamel dina l-manuvra ma kien hemm hadd qed jikkontrolla din il-manuvra mit-triq.

“Id-*driver* tax-xarabank hu korroborat minn Margaret Quattromani, passiggiera, li xehdet li ezatt kif tal-linja kienet ser tibda mixja, s-sewwieq tal-*crane* dawwar il-kabina tieghu u laqat ix-xarabank fil-gemb taghha.

“Minn naha l-ohra l-konvenut, id-*driver* tal-*crane*, jghid li meta l-*crane* kien qed ihares lejn il-bahar kien fadal distanza fuq wara, cioe` fit-triq, fejn karozza tal-linja setghet tghaddi facilment u ghaddiet kemm il-wahda. Dak in nhar hu kien ghamel moviment wiehed biss bil-*crane* siegha u nofs qabel l-incident meta refa il-*piling machine*

minn got-triq ghal fuq il-blat u zammha imdendla sakemm jinvellawha fuq il-blat. Ghal siegha u nofs qabel gara l-incident hu ma kienx iccaqlaq u lanqas ma ccaqlaq il-*crane*. Li jiftakar hu li filli kien qed ihares lejn ix-xoghol kif kien qed jaghmillu s-sinjal certu Jonathan, filli f'daqqa wahda sema' hoss kbir u l-*crane* hassu jiccaqlaq. Dan il-hoss dam xi ftit sekondi u meta hares ra li x-xarabank baqghet diehla fil-kontrapiz tieghu. Cahad li hu dawwar il-kabina.

"Jonathan Agius pero` fil-hin li gara l-incident ma kienx qed ihares lejn ix-xarabank jew jaghti xi sinjal lill-konvenut imma kien qed ihares l'isfel lejn il-bajja fejn kien hemm jahdem Godfrey Vella. Dan fil-fatt xehed li dak in nhar kien xatt il-bahar jipprepara s-sodda biex inizzlu l-makkinarju. Il-*crane* kien qieghed bil-gaffa imdendla jistenna s-sinjal tieghu biex iressqu u jnizzluha f'posta. Kien ilu xi kwarta jew ghoxrin minuta jahdem hemm u kien jonqsu xi hames minuti ohra biex jispicca x-xoghol. Dak il-hin kienu qed jistennew lilu biex jaghmillhom is-sinjal. Hu kellu bzonn il-gaffa biex l-ewwel jara d-daqs tas-sodda li ried jaghmel imbaghad jaghmlilhom is-sinjal meta kellhom inizzlu. Hu kien qed jaghmel is-sinjal lil siehbu li kien fuq biex jghid lil tal-*crane* meta jcaqilqu. F'dan il-kaz ma kienux ghadhom bdew jaghmlu dawn il-movimenti kienu ghadhom fil-bidu.

"Fl-okkorrenza nghatat il-versjoni li z-zewg *drivers* kienu tawh lis-surgent wara l-incident. Fir-rapport hemm imnizzel hekk:

"*Driver of bus route No DBY360 stated that as he was proceeding along Borg Olivier Street, going to the direction of Balluta, due to works projects, and heavy machinery parked thereat, stopped to let the coming vehicles, suddenly driver of crane no: PPM280 swerved to the side and hit the bus roof.*

"*Driver of crane stated that he was lifting down a heavy machinery to the beach and not maneuvering the crane, when at one time the bus driver collided into the counter-weight.*"

“**KONSIDERAZZJONIJIET**

“Generalment wiehed hu mistenni li jara *what is in plain view*. Dak in nhar ta’ l-incident id-*driver* tax-xarabank kien jaf li kien qed isir xoghol fit-triq, kien jaf li kien hemm l-*crane* qed tokkupa parti mill-bankina u parti mit-triq, kien jaf li setghet tintuza karreggjata wahda biss; kien qed jigi dirett minn *warden*; it-traffiku kien miexi bil-mod hafna; kien ghamel xi ftit hin jistenna sakemm jista’ jkompli fi triqtu; kellu minn fejn jghaddi liberament f’karreggjata minnhom (kif wara kollox ikkonferma d-*driver* tal-*crane* li seta’ jaghmel); ma jirrizultax li x-xarabank gie ssikkat minn vettura ohra; izda madanakollu qed jigi allegat li meta mar biex jghaddi minn ma’ gemb il-*crane* hu laqat il-*crane*.

“Il-Qorti hi tal-fehma li x-xarabank ma kellhiex ghalfejn ma tghaddix bla ma tahbat li kieku ma kienx ghal fattur inaspettat li d-*driver* tax-xarabank ma kienx qed jistenna. Dak in nhar, kif qal id-*driver* tal-*crane*, ghaddew diversi xarabanks minn hemm u ghalhekk il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex id-*driver* tax-xarabank ta’ l-attur ma setghax jghaddi hu wkoll bhal ma ghaddew l-ohrajn u ma laqtux il-*crane*, aktar u aktar meta l-konvenut sostna li dak il-hin hu kien qed ihares lejn il-bajja u ma kienx qed jostakola t-triq u warajh kien hemm minn fejn tghaddi xarabank liberament.

“Apparti dan, il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex m’ghandhiex temmen lill-passiggiera li kienet fix-xarabank u li kkorroborat lid-*driver* tax-xarabank meta hija qalet li, kif tal-linja kienet ser tibda mixja, s-sewwieq tal-*crane* dawwar il-kabina tieghu u laqat ic-*charabanc* fil-gemb taghha.

“Inoltre l-Qorti jidhrilha li kif ix-xarabank hadet id-daqqa jindika li l-kontrapiz dar meta x-xarabank kienet se tghaddi biswit il-*crane* u hadu tul il-gemb tas-saqaf minn ftit wara l-quddiem lura. Fil-fatt id-daqqa fuq ix-xarabank ma bdietx minn quddiem fil-faccata – kif kellha tkun kieku x-xarabank dahlet fil-*crane* bil-quddiem – imma d-daqqa tibda mill-gemb ftit wara l-parti ta’ quddiem u tkompli lura.

Ix-xhud Jonathan Agius ikkonferma li t-ticrita ma kinitx minn quddiem nett imma mill-gemb aktar lejn il-quddiem.

“Ghalhekk il-Qorti taqbel li l-incident gara skond il-verzjoni tad-*driver* tax-xarabank, liema verzjoni hi l-istess li hu ta lis-surgent li kien investiga l-incident *a tempo vergine*. Il-Qorti ma jidhrilhix li hu verosimili dak li qal l-konvenut li hu ghamel siegha u nofs bla ma ghamel ebda moviment u bil-*piling machine* imdendla ghal dak il-hin kollu fuq il-bajja bil-haddiema hemm taht.

“**Danni**

“Saviour Sammut spjega li x-xarabank hija tieghu izda din tithaddem mill-kumpanija ZS li taghha hu direttur (ara *Log Book* Dok SS1 a fol 22). Il-hsara kagjonata fix-xarabank tammonta ghall Lm5,057.70 (skond ricevuti Dok SS2 u 3 a fol. 23-24). Ix-xarabank dam aktar minn 117-il gurnata sakemm l-istess xarabank rah is-*surveyor* tal-parti l-ohra u sar ix-xoghol fuqu mit-tellar (Dok. SS4 sa SS 16 fol. 25-37 li jindikaw l-ammont ta’ granet mitlufa u introjtu mitluf). Ix-xoghol fuq ir-rotta li suppost ghamlu hu, kellu jinghata lil xarabanks ohra. Ghalhekk tilef Lm6,070 bhala introjtu. L-ammont totali tad-danni subiti ghalhekk jammonta ghal Lm11,127.70. Hu pero` qed jitlob telf ta’ introjtu sal-7/3/2003 kif miftiehem mas-*Surveyor* u mhux sal-24 ta’ Marzu.

“Il-konvenut ma jidhirx li qed jikkontesta l-ammont dovut bhala riparazzjoni ghall-hsara li garrbet ix-xarabank, il-kontestazzjoni tieghu hija fuq id-danni dovuti ghall-*loss of use*. Hu qed jghid li l-attur messu beda x-xoghol ta’ riparazzjoni mill-ewwel u mhux jistenna s-*surveyor*.

“Mid-dokumenti ezibiti jidher li (ara fol. 24) li bhala *working days* ghal *labour charge* kien hemm 81 *days*. Izda hi prassi li x-xoghol ta’ riparazzjoni ma jibdiex qabel dana ma jigix *surveyed* u awtorizzat mis-*surveyor* jekk ikun hemm qbil dwar ix-xoghol u l-ispiza li jkun hemm. Fil-fatt l-attur xehed li ghalkemm ix-xarabank dahal lura jahdem fl-24 ta’ Marzu hu mhux qed jitlob nuqqas ta’ introjtu sa dak in-nhar imma ghal granet kif accettati mis-*surveyor*

cioe` sas-7 ta' Marzu 2003. Ghalhekk jekk ghal xi raguni is-*surveyor* dam biex imur jispezzjona x-xarabank fl-istess hin l-attur mhux qed jitlob l-*extra days* li hu dam biex ix-xarabank titlesta kompletament. Ghalhekk l-ammont mitlub bhala danni hu dovut."

**L-appell tal-konvenut**

**5.** B'rikors prezentat fis-17 ta' Gunju 2005, il-konvenut appella minn din is-sentenza. Huwa qed jikkontesta bazikament l-apprezzament tal-provi kif maghmul mill-ewwel Qorti. Huwa ghandu bazikament zewg aggravi: l-ewwel wiehed huwa fis-sens li ma kienx hu li kkaguna l-hsara fil-karozza izda kien is-sewwieq tax-xarabank li baqa' diehel fil-kontrapiz tal-*crane*. It-tieni aggravju jirrigwarda l-*quantum* tad-danni kif likwidati.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**6.** Jibda biex jinghad li, bhala regola, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Qorti ta' l-ewwel grad hlief jekk tkun tal-fehma li dak l-apprezzament kien, fit-totalita` tieghu jew f'xi parti vitali, manifestament skorrett b'tali mod li jekk il-konkluzjoni derivanti minn dak l-apprezzament ma tigix mibdula tkun qed issir ingustizzja.

**7.** Fil-kaz in dizamina l-appellant jibqa' jsostni li kien is-sewwieq tax-xarabank li dahal fil-kontrapiz, u mhux il-kontrapiz li dahal fix-xarabank minhabba moviment inaspettat tal-*jib* u l-kabina tal-*crane*. Huwa jikkritika lill-ewwel Qorti ghax din, skond hu, skartat ghal kollox id-deposizzjonijiet ta' Jonathan Agius (fol. 90) u ta' Godfrey Vella (fol. 93) u tat wisq piz lill-affidavit tal-passiggiera Margaret Quattromani. Issa, apparti li dak li donnu qed jimplika l-appellant, u cioe` li affidavit ghandu b'xi mod anqas piz minn deposizzjoni moghtija *viva voce*, ma hu b'ebda mod korretta – wara kollox l-appellant stess iddepona permezz ta' affidavit (fol. 76) u kellu kull opportunita`, kieku ried, li jharrek lil Quattromani ghall-kontro-ezami – din il-Qorti, mill-kumpless tal-provi, inkluzi l-fotokopji xejn cari ezibiti mill-istess konvenut (fol. 78 sa

87), hi tal-fehma li l-hsara fil-vettura grat meta effettivament kien hemm moviment tal-*crane* li per konsegwenza gab moviment laterali, anke jekk biss ta' ftit gradi, tal-kontrapiz li ha zbrixx ix-xarabank fis-saqaf taghha ezatt fuq it-twieqi tax-xellug. Fil-fehma tal-Qorti kieku l-hsara grat, kif qed jallega l-konvenut, ghax is-sewwieq tax-xarabank, waqt li qed jaqbez il-kontrapiz fuq ix-xellug tieghu, ghal xi raguni inspjegabbli gibed aktar ghax xellug b'mod li dahal f'dan il-kontropiz, wiehed kien jistenna li ma' l-ewwel hoss jew sinjal ta' impatt huwa jieqaf (aktar u aktar meta kollox jindika li kien ghaddej bil-mod hafna). It-ticrita fis-saqaf, invece, testendi minn ezatt wara l-parti ta' quddiem tax-xarabank (xarabank minn dawk relattivament godda, jigifieri b'"wiccha catt") sa aktar min-nofs it-tul tal-vettura – ticrita, ghalhekk li tindika kontinwita` ta' tkaxkira li wiehed jassocja mal-moviment laterali tal-kontrapiz abbinat mal-moviment 'l quddiem tax-xarabank. Sinjifikanti huwa l-fatt ukoll li, kif jidher kemm mir-ritratti[1] kif ukoll mill-affidavit ta' Vincent Francica (is-sewwieq tax-xarabank), is-saqajn (*stabilisers*) tal-*crane* kienu jisporgu ghal nofs il-karreggjata, b'mod li kwalsiasi vettura, u allura anke x-xarabank, kellha tigbed lejn il-lemin biex taqbez il-*crane*, b'mod li difficilment wiehed jifhem ghalfejn is-sewwieq tax-xarabank kellu, kif qed jigi allegat mill-appellant, jerga' jigbed lejn ix-xellug tieghu.

**8.** Fejn din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti huwa dwar il-kontributorjeta` tas-sewwieq tax-xarabank, cirkostanza li ghalija jaccenna l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu. L-ewwel Qorti attribwiet il-htija kollha u unikament lil min kien qed jimmanuvra l-*crane*, cioe` lill-konvenut. Sewwieq prudenti li qed jissorpassa *crane* li jaf, jew ragjonevolment jista' jobsor, li dak il-hin din qed tintuza fuq ix-xoghol, u li jara – bhalma seta' facilment jara s-sewwieq Francica – li l-kontrapiz jista' jisporgi ghal gol-karreggjata f'moviment laterali, ghandu jissorpassa b'tali mod li jassigura li anke jekk ikun hemm tali moviment laterali, huwa ma jintlaqatx. Fi kliem iehor, bhala sewwieq prudenti – u aktar u aktar meta huwa responsabbli ghall-

[1] Ghalkemm fit-ritratti, li jerga' jinghad, huma biss fotokopji u xejn ma huma cari, jidhru proprjament biss iz-zewg *stabilisers* ta' wara (kemm tax-xellug kif ukoll tal-lemin) tal-*crane*.

passiggiera rekbin fil-vettura misjuqa minnu – is-sewwieq tax-xarabank kellu l-obbligu li jimmanuvra b'tali mod li anke jekk il-kabina jew *jib* (bil-kontrapiz fuq l-estremita` l-ohra) ghal xi raguni ticcaqlaq – haga li kienet prevedibbli stante li kien qed isir xoghol dak il-hin – din ma tolqotx lill-vettura. Is-sewwieq tax-xarabank dan seta' jaghmlu ghax mir-ritratti – li ma gewx kontestati bhala li ma jirraprezentawx id-distanzi u l-ispazji fil-mument ta' l-incident – kif ukoll mill-iskizz tal-pulizija jidher car illi x-xarabank setghet instaqet aktar lejn il-lemin tat-triq b'tali mod li l-moviment tal-kontrapiz b'ebda mod ma kien ikun ta' perikolu jew ostakolu ghaliha. Ghalhekk kemm is-sewwieq tal-*crane* kif ukoll dak tax-xarabank kienu responsabbli ghall-akkadut f'porzjon ugwali.

**9.** Kwantu ghall-*quantum* tad-danni likwidati, l-appellant jikkontendi li ma ngabitx il-prova li *surveyor* dam ma jezamina l-vettura danneggjata, li d-dokumenti ezibiti mill-attur Sammut ma kienux ta' min wiehed jistrih fuqhom, u li ghall-finijiet tal-*lucrum cessans* wiehed ma kellux jiehu in konsiderazzjoni l-ammont kollu li l-istess Sammut (jew is-socjeta`) ma dahhalx minghand il-*Public Transport Association* ghax minn dan l-ammont kellhom jitnaqqsu l-ispejjez illi, kieku effettivament giet uzata x-xarabank DBY360, kienu jithallsu bhala paga tax-xufiera, spejjez ta' *diesel* ecc. Din il-Qorti tibda biex tghid li filwaqt li l-konvenut kellu kull opportunita` quddiem l-ewwel Qorti sabiex jikkuntrasta d-dokumenti ezibiti (senjatament dawk a fol. 25 sa 37) – dokumenti li gew spjegati kemm mill-attur kif ukoll mix-xiehda Grixti u Spiteri – hu ma ghamel xejn minn dan. L-istess jista' jinghad ghall-kwistjoni tas-*surveyor* – l-ewwel Qorti korrettement strahet fuq dak li ddepona l-attur u dan, bazikament, ghax dak li qal l-attur ma giex kontestat. Kwantu ghall-kwistjoni tal-*lucrum cessans* huwa minnu li <u>jekk</u> l-ammonti murija fuq id-dokumenti minn fol. 25 sa 37 ma jehdux in konsiderazzjoni r-*running* jew *operational cost* tax-xarabank (bhalma huma *fuel costs*, paga tax-xufier ecc) allura dawn suppost li jridu jitnaqqsu biex wiehed jasal ghac-cifra tal-*lucrum cessans*. Pero` dan il-punt – li l-konvenut seta' pprova johrog imqar bil-kontro-ezami ta' l-attur jew ta' Victor Spiteri (fol. 66) – baqa' ma giex

esplorat quddiem l-ewwel Qorti, u ghalhekk l-appellant ma jistax jippretendi li issa din il-Qorti tesplorah fi stadju ta' appell jew toqghod taghmel hi hafna kongetturi. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, m'ghandhiex alternattiva f'dana l-istadju hlief li tistrieh fuq dak depost mill-attur fl-affidavit tieghu a fol. 21 ghal dak li kien l-introjtu li tilef b'konsegwenza tal-perjodu li x-xarabank damet ma tintuzax fuq ir-rotot.

**Decide**

**10.** Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: (1) thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet li l-incident *de quo* gara tort unikament tal-konvenut u minflok tiddikara li l-istess incident jahtu ghalih il-konvenut u s-sewwieq tax-xarabank f'sehem ugwali; (2) tikkonfermaha in kwantu llikwidat id-danni fl-ammont ta' Lm11,127.70c; (3) thassarha u tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-konvenut ihallas is-somma msemmija, u minflok tikkundannah ihallas lill-attur *proprio et nomine* biss <u>nofs</u> dik is-somma, u cioe` s-somma ta' hamest elef hames mija u tlieta u sittin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm5,563.85), bl-imghax mid-data tas-sentenza appellata sal-pagamanet effettiv; u (4) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza u minflok tordna li l-ispejjez, kemm dawk ta' l-ewwel istanza kif ukoll dawk ta' din l-istanza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------